MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 336/2007

**Bonnici Brothers Limited (C 3905)**

**Vs**

**Kunsill Lokali Zabbar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn, mitejn u erbgha u sittin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm2264.63) rapprezentanti zieda fid-drittijiet pagabbli lill-Gvern ghad-depozitu ta' radam f'sit pubbliku, liema zieda giet introdotta mill-Gvern centrali wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' bejn il-kunsill konvenut u bejn is-socjeta' attrici bl-isem *Tender for Resurfacing of Various Roads in Zabbar* (ZLC 5/2004),u li l-Kunsill Lokali konvenut qieghed jippretendi illi s-socjeta' attrici ghandha tbati din iz-zieda b'mod li tikkaguna telf finanzjarju

konsideravoli lill-istess socjeta' attrici, meta kien il-gvern centrali stess li introduca din iz-zieda;

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Awissu, 2007 kontra l-Kunsill Lokali konvenuta u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Il-Kunsill Lokali konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza preliminari mahlufa fit-8 ta' Ottubru 2008 (fol 16 et seq ibid) u li biha giet michuda l-ewwel (1) eccezzjoni.

Rat dak verbalizzat waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2009 (fol 39 tal-istess atti) dwar verfika in rigward klawsola ta' arbitragg kfi ukoll ir-rikors a fol 40 ibid dwar din il-materja, ir-risposta relattiva a fol 42 u fol 43 ibid oltre dak verbalizzat a fol 41 ibid.

Ikunsidrat

Illi kif jidher mill-atti ta' din il-kawza il-Kunsill konvenut gja issottometta l-eccezzonijiet tieghu fosthom wahda ta' natura preliminari li, di gja giet deciza. Difatti, di gja bdew jinstemghu l-provi fuq il-meritu ta' din il-kawza liema smiegh gie interrott sabiex jigi konsiderat ir-rikors in esami (fol 40 ibid).

Illi, dan, premess, il-Qorti qed tintalab sabiex tawtorizza lill-Kunsill konvenut, jecepixxi ulterjorment eccezzjoni ohra ta' natura preliminari cjoe l-inkompetenza ta' din il-Qorti minhabba li qed jallega illi, fil-ftehim bejn il-partijiet, hemm stipulat klawsola ta' arbitragg.

Ikkunsidrat

Illi sallum ghadu ma giex esebit, fl-atti, dan il-ftehim avolja hemm dak verbalizzat a fol 41 tal-atti. Pero fir-risposta tas-socjeta' attrici jinsab accenn ghal dan il-punt fis-sens illi 'l-proceduri tal-arbitragg huma mhassra' jew inkella kwalunkwe ftehim rigward arbitragg gie '… imqieghed

f'dubbju bizzejjed' sabiex din il-Qorti ma tizvestix ruhha mill-kompetenza ordinarja taghha.

Illi l-istess Qorti taqbel ma dak sottomess mill-istess socjeta' attrici illi eccezzjoni bhal dik in esami hi ta' natura preliminari u kellha tingieb a konjizzjoni tal-istess Qorti 'in limine litis' u mhux meta dawn il-proceduri waslu fl-istadju tal-provi fuq il-meritu meta wiehed jista' jghid illi kien hemm rinunzja tacita izda cara, da parti tal-Kunsill konvenut sabiex jissottometti eccezzjoni ta' din in-natura hlief f'kazijiet eccezzjoniali b'mod specjali, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-azzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni in esami bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------